

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

C 26



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

31 ta' Jannar 2012

Avviż Nru

Werrej

Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 26/01

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6448 – OPTrust/PGGM/Global Via Infraestructuras/Global Via Inversiones) ⁽¹⁾ 1

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kunsill

2012/C 26/02

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni li għalihom japplikaw il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/50/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija 2

MT
**Prezz:
EUR 3**

(¹) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 26/03	Rata tal-kambju tal-euro	3
--------------	--------------------------------	---

V Avviżi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2012/C 26/04	Id-deċiżjoni Nru 791 tal-31 ta' Ottubru 2011 li tiftaħ proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass naturali, li huma riżorsi naturali ta' taħt l-art kif iddefinit fl-artikolu 2(1)(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, fil-Blokk 1-21 Han Asparuh, li jinsab fiż-żona ekonomika Esklussiva tar-Repubblika tal-Bulgarija fil-Baħar l-Iswed, u li tħabbar li l-awtorizzazzjoni se tingħata abbażi ta' proċedura kompetittiva tal-offerti	4
2012/C 26/05	Id-Deċiżjoni Nru 804 tal-4 ta' Novembru 2011 li tiftaħ proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass naturali, li huma riżorsi naturali ta' taħt l-art kif iddefinit fl-Artikolu 2(1)(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, fil-Blokk 1-19 Sveti Atanas, li jinsab fil-blata kontinentali u fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika tal-Bulgarija fil-Baħar l-Iswed, u li tħabbar li l-awtorizzazzjoni se tingħata abbażi ta' proċedura kompetittiva ta' sejħa għall-offerti	7
2012/C 26/06	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6492 – SCOR/MAF/Essor JV) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ⁽¹⁾	10
2012/C 26/07	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6461 – TPV/Philips TV Business) ⁽¹⁾	11



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Każ COMP/M.6448 – OPTrust/PGGM/Global Via Infraestructuras/Global Via Inversiones)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 26/01)

Fl-24 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fiha. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
 - f-forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32012M6448. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.
-

IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni li għalihom japplikaw il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/50/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

(2012/C 26/02)

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

L-informazzjoni li ġejja hija mressqa għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/50/PESK ⁽¹⁾ dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċieda li l-persuni li jidhru fl-Anness imsemmi hawn fuq għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija.

Il-persuni kkonċernati jistgħu jibagħtu talba lill-Kunsill, flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, li d-deċiżjoni biex jiġu inklużi fil-lista msemmija hawn fuq għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union
General Secretariat
DG K Coordination
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Tingħied ukoll l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, fkonformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 275(2) u l-Artikolu 263(4) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(1) ĠU L 27, 31.1.2012.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

It-30 ta' Jannar 2012

(2012/C 26/03)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3110	AUD	Dollaru Awstraljan	1,2427
JPY	Yen Ġappuniż	100,53	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3185
DKK	Krona Daniża	7,4341	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,1707
GBP	Lira Sterlina	0,83580	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,6042
SEK	Krona Żvediża	8,8996	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6523
CHF	Frank Żvizzeru	1,2046	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 481,36
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	10,3024
NOK	Krona Norveġiża	7,6810	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,2837
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,5818
CZK	Krona Ċeka	25,270	IDR	Rupiah Indoneżjan	11 837,85
HUF	Forint Ungeriż	296,04	MYR	Ringgit Malażjan	4,0097
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	56,525
LVL	Lats Latvjan	0,6991	RUB	Rouble Russu	39,8950
PLN	Zloty Pollakk	4,2545	THB	Baht Tajlandiż	40,903
RON	Leu Rumun	4,3380	BRL	Real Brażiljan	2,2919
TRY	Lira Turka	2,3478	MXN	Peso Messikan	17,0423
			INR	Rupi Indjan	65,2350

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

ID-DEĊIŻJONI Nru 791

tal-31 ta' Ottubru 2011

li tiftaħ proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass naturali, li huma riżorsi naturali ta' taħt l-art kif iddefinit fl-artikolu 2(1)(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, fil-Blokk 1-21 Han Asparuh, li jinsab fiż-żona ekonomika Esklussiva tar-Repubblika tal-Bulgarija fil-Baħar l-Iswed, u li tħabbar li l-awtorizzazzjoni se tingħata abbażi ta' proċedura kompetittiva tal-offerti

(2012/C 26/04)

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI

Skont l-Artikoli 5(2), 7(2)(8), 42(1)(1) u 44(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, u l-Artikoli 4(1)(1) u 16 tar-Regolament dwar it-tweġġ tal-proċeduri tal-offerti għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u/jew l-esplorazzjoni ta', u għall-għoti ta' konċessjonijiet għall-produzzjoni ta', riżorsi naturali ta' taħt l-art kif iddefinit fl-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, adottat mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ministri Nru 231 tal-2010:

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI DDEĊIEDA LI:

1. Għandha tinfetħ proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass naturali fil-Blokk 1-21 Han Asparuh, li jinsab fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika tal-Bulgarija fil-Baħar l-Iswed, li jkopri żona ta' 14 220 km² u huwa ddefinit bil-koordinati 1 sa 22, kif speċifikat fl-Anness.
2. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt 1 għandha tingħata abbażi ta' proċedura kompetittiva tal-offerti li fiha l-offerenti ma jkunux preżenti meta jiġu kkunsidrati l-offerti.
3. Il-perjodu ta' awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni għandu jiġi ffissat għal ħames snin mid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-ftehim dwar it-tiftix u l-esplorazzjoni, bi dritt li dan il-perjodu jiġi estiż skont l-Artikolu 31(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.
4. Id-data tal-iskadenza għax-xiri tal-fajl tal-offerti għandha tkun fil-17:00 tal-120 jum wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea
5. Id-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-proċedura kompetittiva tal-offerti għandha tkun fil-17:00 tal-140 jum wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
6. Id-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-offerti skont il-kundizzjonijiet tal-offerti għandha tkun fil-17:00 tal-155 jum wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
7. Il-prezz tal-fajl tal-offerti għandu jiġi ffissat għal BGN 15 000. Il-fajl tal-offerti għandu jinxtara mill-Kamra Nru 902 fil-Ministeru tal-Ekonomija, l-Enerġija u t-Turiżmu fl-indirizz li ġej: ul. Triaditsa 8, Sofia, Bulgaria, sad-data tal-iskadenza speċifikata fil-punt 4.

8. L-applikanti li jixtiequ jipparteċipaw fil-proċedura kompetittiva tal-offerti għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 23(1) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.
9. L-offerti ppreżentati skont il-kundizzjonijiet tal-offerti għandhom jiġu evalwati abbażi tal-programmi ta' ħidma proposti, ir-riżorsi ddedikati għall-ħarsien ambjentali u t-taħriġ, il-bonusijiet u l-kapaċitajiet maniġerjali u finanzjarji, kif ipprovdut fil-fajl tal-offerti.
10. Id-depożitu għall-parteeipazzjoni fil-proċedura kompetittiva tal-offerti għandu jiġi ffissat għal BGN 20 000, pagabbli sad-data tal-iskadenza speċifikata fil-punt 5 fil-kont bankarju tal-Ministeru tal-Ekonomija, l-Enerġija u t-Turiżmu indikat fil-fajl tal-offerti.
11. L-applikanti li ma jiġux aċċettati fil-proċedura kompetittiva tal-offerti għandhom jiġu rimborżati l-flus li jkunu ddepożitaw fi żmien 14-il jum wara li jkunu ġew infurmati li ma ġewx aċċettati.
12. Id-depożitu li jkun għamel l-offerent magħżul għandu jiġi rimborżat wara li jkun ġie ffirmat il-ftehim, u d-depożiti tal-offerenti l-oħrajn għandhom jiġu rimborżati fi żmien 14-il jum wara l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Istat tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri dwar l-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni.
13. L-applikazzjonijiet sabiex wieħed jipparteċipa fil-proċedura kompetittiva tal-offerti u l-offerti taħt il-proċedura kompetittiva tal-offerti għandhom jitressqu lill-Ministeru tal-Ekonomija, l-Enerġija u t-Turiżmu fl-indirizz li ġej: ul. Triaditsa 8, Sofia, Bulgaria, bil-Bulgaru, skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 46 tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.
14. L-offerti għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet speċifikati fil-fajl tal-offerti.
15. Il-proċedura kompetittiva tal-offerti għandha titwettaq anke fil-każ li jiġi aċċettat applikant wieħed biss biex jipparteċipa fiha.
16. L-attivitajiet tal-esplorazzjoni għall-minerali fil-qasam għandhom jitwettqu wara valutazzjoni mill-awtorità kompetenti rilevanti tal-kompatibbiltà tal-pjanijiet ta' ħidma annwali għat-tiftix u l-esplorazzjoni.
17. Il-Ministru tal-Ekonomija, l-Enerġija u t-Turiżmu huwa awtorizzat li:
 - 17.1. jibgħat din id-Deċiżjoni għall-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
 - 17.2. jorganizza u jwettaq il-proċedura tal-offerti.
18. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Istat u fuq is-sit tal-internet tal-Kunsill tal-Ministri.
19. L-appelli kontra din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu indirizzati lill-Qorti Amministrattiva Suprema fi żmien 14-il jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Prim Ministru
Boyko BORISOV

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ministri
Rosen ZHELYAZKOV

ANNEX

KOORDINATI TAL-PUNT TA' FRUNTIERA

Sistema ta' koordinati WGS 84

Nru	Lonġitudni (^o / ['] / ^{''})	Latitudni (^o / ['] / ^{''})
1	29° 25' 56.00"	43° 38' 08.40"
2	29° 30' 38.00"	43° 38' 34.00"
3	29° 49' 54.00"	43° 36' 05.00"
4	29° 49' 54.00"	43° 40' 49.40"
5	30° 24' 29.80"	43° 38' 09.80"
6	31° 08' 48.39"	43° 21' 00.33"
7	31° 06' 33.00"	43° 19' 54.00"
8	30° 45' 06.00"	42° 56' 43.00"
9	30° 36' 18.00"	42° 49' 31.00"
10	30° 34' 10.00"	42° 48' 03.00"
11	29° 07' 28.85"	42° 48' 47.00"
12	28° 30' 00.00"	42° 48' 44.50"
13	28° 30' 00.00"	43° 07' 00.00"
14	28° 45' 00.00"	43° 07' 00.00"
15	28° 45' 00.00"	43° 10' 00.00"
16	28° 50' 00.00"	43° 10' 00.00"
17	28° 50' 00.00"	43° 13' 00.00"
18	29° 06' 00.00"	43° 13' 00.00"
19	29° 06' 00.00"	43° 19' 00.00"
20	29° 10' 19.50"	43° 19' 00.00"
21	29° 10' 19.47"	43° 23' 58.00"
22	29° 25' 43.00"	43° 23' 58.90"

ID-DEĊIŻJONI Nru 804

tal-4 ta' Novembru 2011

li tiftaħ proċedura għall-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass naturali, li huma riżorsi naturali ta' taħt l-art kif iddefinit fl-Artikolu 2(1)(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, fil-Blokk 1-19 Sveti Atanas, li jinsab fil-blata kontinentali u fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika tal-Bulgarija fil-Baħar l-Iswed, u li ttabbar li l-awtorizzazzjoni se tingħata abbażi ta' proċedura kompetittiva ta' sejħa għall-offerti

(2012/C 26/05)

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI

Skont l-Artikoli 5(2), 7(2)(8), 42(1)(1) u 44(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, u l-Artikoli 4(1)(1) u 16 tar-Regolament dwar it-twertiq tal-proċeduri tal-offerti għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u/jew l-esplorazzjoni ta', u għall-għoti ta' konċessjonijiet għall-produzzjoni ta', riżorsi naturali ta' taħt l-art kif iddefinit fl-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, adottat mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ministri Nru 231 tal-2010 (Gazzetta tal-Istat Nru 82/2010):

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI DDEĊIEDA LI:

1. Għandha tinfetaħ proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni taż-żejt u l-gass naturali fil-Blokk 1-19 Sveti Atanas, li jinsab fil-blata kontinentali u fiż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika tal-Bulgarija fil-Baħar l-Iswed, li jkopri erja ta' 1 318 km² u huwa ddefinit bil-koordinati 1 sa 8, kif speċifikat fl-Anness.
2. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt 1 għandha tingħata abbażi ta' proċedura ta' offerti kompetittiva.
3. Il-perjodu ta' awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni għandu jiġi ffissat għal ħames snin mid-data li fiha jidhul fis-seħħ il-ftehim dwar it-tiftix u l-esplorazzjoni, bi dritt li dan il-perjodu jiġi estiż skont l-Artikolu 31(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.
4. Id-data tal-iskadenza għax-xiri tal-fajl tal-offerti għandha tkun fil-17:00 tal-120 jum wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
5. Id-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-proċedura kompetittiva tal-offerti għandha tkun fil-17:00 tal-130 jum wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
6. Id-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-offerti skont il-fajl tal-offerti għandha tkun fil-17:00 tal-144 jum wara l-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
7. L-offerenti ma għandhomx ikunu preżenti meta jiġu kkunsidrati l-offerti.
8. Il-prezz tal-fajl tal-offerti għandu jiġi ffissat għal BGN 15 000. Il-fajl tal-offerti għandu jinxtara mill-Kmamar Nru 902 u 903 fil-Ministeru tal-Ekonomija, l-Enerġija u t-Turiżmu fl-indirizz li ġej: ul. Triaditsa 8, Sofia, Bulgaria, sad-data tal-iskadenza speċifikata fil-punt 4.
9. L-applikanti li jixtiequ jipparteċipaw fil-proċedura kompetittiva tal-offerti għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 23(1) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.
10. L-offerti ppreżentati skont il-kundizzjonijiet tal-offerti għandhom jiġu evalwati abbażi tal-programmi ta' ħidma proposti, ir-riżorsi ddedikati għall-ħarsien ambjentali u t-taħriġ, il-bonusijiet u l-kapaċitajiet manijerjali u finanzjarji, kif ipprovdut fil-fajl tal-offerti.
11. Id-depożitu għall-parteċipazzjoni fil-proċedura kompetittiva tal-offerti għandu jiġi ffissat għal BGN 20 000, pagabbli sad-data tal-iskadenza speċifikata fil-punt 5 fil-kont bankarju tal-Ministeru tal-Ekonomija, l-Enerġija u t-Turiżmu indikat fil-fajl tal-offerti.
12. Id-depożitu li jkun għamel l-offerent magħżul għandu jiġi rimborżat wara li jkun ġie ffirmat il-ftehim, u d-depożiti tal-offerenti l-oħrajn għandhom jiġu rimborżati fi żmien 14-il jum wara l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Istat tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri dwar l-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni.

13. L-applikazzjonijiet sabiex wieħed jipparteċipa fil-proċedura kompetittiva tal-offerti u l-offerti taħt il-proċedura kompetittiva tal-offerti għandhom jitressqu fir-Reġistru tal-Ministeru tal-Ekonomija, l-Enerġija u t-Turiżmu fl-indirizz li ġej: ul. Triaditsa 8, Sofia, Bulgaria, bil-Bulgaru, skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 46 tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.
14. L-offerti għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet speċifikati fil-fajl tal-offerti.
15. Il-proċedura kompetittiva tal-offerti għandha titwettag anke fil-każ li jiġi aċċettat applikant wieħed biss biex jipparteċipa fiha.
16. L-attivitatijiet tal-esplorazzjoni minerali għandhom jitwettqu wara t-tlestija tal-proċeduri għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-pjan ta' ħidma ġenerali u tal-pjanijiet annwali ta' ħidma għat-tiftix u l-esplorazzjoni skont l-Artikolu 2(2) tal-Kapitolu 2 tar-Regolament dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-pjanijiet, il-programmi, il-proġetti u l-proposti tal-investiment bl-għanijiet li jiġu ppriżervati ż-żoni protetti (Gazzetta tal-Istat Nru 73/2007).
17. Il-Ministru tal-Ekonomija, l-Enerġija u t-Turiżmu huwa awtorizzat li:
 - 17.1. jibgħat din id-Deċiżjoni għall-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 - 17.2. jorganizza u jwettaq il-proċedura kompetittiva tal-offerti.
18. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Istat u fuq is-sit tal-internet tal-Kunsill tal-Ministri.
19. L-appelli kontra din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu indirizzati lill-Qorti Amministrattiva Suprema fi żmien 14-il jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-Prim Ministru
Boyko BORISOV

Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ministri
Rosen ZHELYAZKOV

ANNEX

LISTA TAL-KOORDINATI TAL-PUNT TA' FRUNTIERA TAL-BLOKK 1-19 SVETI ATANAS

Sistema ta' koordinati WGS 84, żona 35N

Nru	Lonġitudni (°)	Latitudni (°)
1	27.9290	43.0000
2	28.2500	43.0000
3	28.2500	42.9150
4	28.5000	42.9150
5	28.5001	42.8122
6	28.4333	42.8119
7	28.4305	42.6909
8	27.9319	42.6961

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6492 – SCOR/MAF/Essor JV)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2012/C 26/06)

1. Fl-20 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha SCOR SE ("SCOR", Franza) u Mutuelle des Architectes Français Assurances ("MAF", Franza) jakkwistaw, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll konġunt ta' Essor Participações Ltda fil-Brażil ("Essor", il-Brażil) permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal SCOR: grupp ta' riassigurazzjoni b'operazzjonijiet f'madwar 130 pajjiż u hi organizzata f'żewġ diviżjonijiet ta' riassigurazzjoni (i) Tal-Ħajja u (ii) Mhux tal-Ħajja,
 - għal MAF: grupp ta' kumpaniji attivi prinċipalment fl-għoti ta' servizzi ta' assigurazzjoni diretta u b'mod partikolari ta' kopertura ta' assigurazzjoni professjonali għal dawk li jiddisinjaw il-bini bħall-periti, il-periti ta' ġewwa, ekonomisti tal-kostruzzjoni, nies li jiddisinjaw il-pajsaġġ u inġiniera tal-kostruzzjoni,
 - għal Essor: kumpanija Brażiljana ġdida mhux operattiva b'responsabbiltà limita li se ssir korporazzjoni ta' assigurazzjoni diretta hekk kif tirċievi approvazzjoni regolatorja mis-Sovrantendenza Brażiljana għall-Assigurazzjoni Privata.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6492 – SCOR/MAF/Essor JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6461 – TPV/Philips TV Business)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2012/C 26/07)

1. Fl-20 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża TPV Technology Limited, ("TPV", il-Bermuda) beħsiebha takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll tal-impriża globali tat-televiżjoni tal-kulur ta' Philips ("Philips TV Business", il-Pajjiżi l-Baxxi) bl-eċċezzjoni ta' numru ta' pajjiżi li jinsabu barra miż-ŻEE.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
 - TPV hija fornitriċi ta' soluzzjonijiet permezz tal-iskrins, u hija attiva fl-iddisinjar u l-produzzjoni ta' firxa sħiħa ta' skrins tal-kompjuters personali u tat-televiżjoni kemm fuq il-bażi ta' manifatturi terzi ta' tagħmir oriġinali (oriġinal equipment manufacturer, OEM) għad-distribuzzjoni globali tagħha kif ukoll taħt il-marka proprja tagħha AOC,
 - Philips TV Business topera fil-manifattura tat-televiżjonijiet tal-kulur tal-marka Philips, fil-ġestjoni tal-marka tal-kumpanija fir-rigward tagħhom u fid-distribuzzjoni tagħhom fit-territorji relevanti li jaqgħu fit-tranżazzjoni.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6461 – TPV/Philips TV Business, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

